



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12495/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0303 (NLE)

PROBA 36
AGRI 391
WTO 299
PREP-BXT 28

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor
dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit
mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (“il-Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1993. Il-Ftehim ġie konkluż inizjalment għal perjodu ta’ tliet snin.
- (2) Skont l-Artikolu 45(2) tal-Ftehim, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor jista’ jestendi l-Ftehim għal perjodi suċċessivi, ta’ mhux aktar minn sentejn kull darba. Mill-konklużjoni tiegħu ‘l hawn, il-Ftehim ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta’ sentejn. Il-Ftehim ġie estiż l-aħħar fl-10 ta’ Lulju 2019 u jibqa’ fis-seħħ sal-31 ta’ Diċembru 2021.
- (3) L-Artikolu 41 tal-Ftehim jistipula li l-Ftehim hu miftuħ għall-adeżjoni mill-Gvernijiet tal-Istati kollha f’konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor.
- (4) Fit-2 ta’ Ottubru 2020, ir-Renju Unit applika formalment għall-adeżjoni mal-Ftehim mill-1 ta’ Jannar 2021 ‘il quddiem.
- (5) Matul is-57 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, li hija skedata li ssir fis-27 ta’ Novembru 2020, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor huwa ppjanat li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta’ Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).

- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor.
- (7) Ir-Renju Unit huwa produttur ewlieni taz-zokkor. L-approvazzjoni tal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim hija fl-interess tal-Unjoni.
- (8) Jenħtieġ li l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim issir effettiva biss wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹. Il-Ftehim ma għandux jiġi applikat b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit qabel tmiem dak il-perjodu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 29, 31.1. 2020, p. 7.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul is-57 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fis-27 ta' Novembru 2020 għandha tkun li tapprova l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992, dment li l-adeżjoni ma ssirx effettiva, u l-Ftehim ma jiġix applikat b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
